KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 18

It-Tmintax is-seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2025 fis-6pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjal Prinċipali |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:15pm:***

**18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 16 u 17;**

**18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**18.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;**

**18.6 Approvazzjoni *Management Letter u Management Letter Reply – Audit 2024***

**18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

**18.8 Mozzjonijiet;**

**18.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

## 18.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**18.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri D Muscat, D Soler u W Baldacchino.

## 18.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 16 u 17

***18.2.1*** Il-kunsillier R Borg ressaq emendi għal minuti tal-laqgħa numru 16, hekk kif innotat hawn taħt:

**16.3.5**
Il-kunsillier R Borg qal li jekk ikun notifika fuq it-ticket booths, jkun detriment għat-turisti, jekk jaqraw li dawn it-ticket booths huma hemm illegalment.
**Jinbidel għal:**
*Il-kunsillier R Borg qal li jekk ikun notifika fuq it-ticket booths, jkun detriment jekk it-turisti jaqraw li dawn it-ticket booths huma hemm illegalment.*

**16.3.6**
*I think it was me who said: ""Please Do Not Wear Swimwear Beyond This Point". Could you kindly check recording?*

**16.5.3**
Il-kunsillier R Borg qal li ikkomunika ma' l-Segretajat Parlamentari li huwa responsabbli tal-fondi ta' l-UE u qal li fil-ġimgħat li ġejjien ser jaħdem fuq pjan sabiex jiġu organizzati numru ta' laqgħat għall-għaqdiet non-governattivi tal-

lokalita’ fejn ser jiġu mistiedna esperti fil-fondi ta’ l- UE biex jispjegaw kif dawn l-għaqdiet ikunu jistgħu jibbenifikaw minn ċertu fondi allokati għalihom.

**Jinbidel għal:**

*Il-kunsillier R Borg qal li ikkomunika ma’ l-Arts Council u SEM li huwa responsabbli tal-fondi ta’ l-UE u qal li fil-ġimgħat li ġejjien ser jaħdem fuq pjan sabiex jiġu organizzati numru ta’ laqgħat għall-għaqdiet non-governattivi tal-lokalita’ fejn ser jiġu mistiedna esperti fil-fondi biex jispjegaw kif dawn l-għaqdiet ikunu jistgħu jibbenifikaw minn ċertu fondi allokati għalihom.*

**16.7.1**

Please include the following:

*Kunsillier Ryan Borg gibed l-attenzjoni li ghalkemm il-kunsill ghandu il-fondi, xorta wahda qedin nitolbu il-Gvern Centrali sabiex ihallas dan il “Carrying Capacity Study”*

Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 16 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Il-kunsillier E Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier R Borg.

**18.2.2** Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 17 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Il-kunsillier Z Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier A Debono.

## 18.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

### 18.3.1 Importanza dwar midja soċjali

- Is-Sindku saħaq li kien essenzjali li l-kunsilliera jirrispondu bil-fatti lil dawk ir-residenti li isaqsu għall-informazzjoni fuq paġni u gruppi tal-midja soċjali.

- Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li jerġgħu jiġu ppublikati d-deskasteri tal-kunsillieri kollha b’mod individwali fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tal-kunsill.

- Il-kunsillier J Dougall, qal li fuq il-grupp ta’ FB tiegħu dejjem jagħmel share mill-paġna uffiċċjali tal-KL.

**Tindif:**

**18.3.2**

- Is-Sindku qal il-KL qed jistenna l-MoU mingħand CleanMalta. Wara ser isir laqgħa bejn il-Viċi Sindku, s-Seg. Eżek. sabiex isir paragun bejn dak li qed jiġi offrut lill-KL minn CM u dak li hemm fit-tender.

- Il-VS qal li l-KL qed jagħmel ħiltu sabiex ikollna risposta definittiva dwar meta ser ikollna risposta dwar l-MoU.

**18.3.3 Xogħolijiet Toroq u Bankini:**

- Is-Sindku spjega li x-xogħolijiet fi Triq San Vincenz (bejn Pjazza Annunzjata u Triq Castelleti) ser jibdew Il-Ġimgħa ddieħla u dawn mistenni ikunu lesti sal-Ġimgħa ta' Santa Marija u wara ser jibda x-xogħol fi Triq il-Karmnu. Ix-xogħolijiet jinkludu saff ġdid ta' tarmac u kostruzzjoni ta' bankini ġodda.

- Wara l-festa ta' Stella Maris ser jibda x-xogħol fi Triq Castelletti, Triq San Pawl u Triq Annunzjata. Kompla jgħid li din il-Ġimgħa ser ikollu laqgħa ma' l-IM biex ikun hemm programm tax-xogħolijiet li jonqos isir f'numru ta' toroq.

- Kien hemm numru ta' ilmenti mir-residenti ta' Triq Alfons u Triq Henry, ħabba xi *road markings* li kienu qed isiru. Il-kuntrattur twaqqaf

**18.3.4 Update fuq Proġett ta' Ferro Bay:**

- Is-Sindku spjega li l-ġimgħa ddieħla se jkollu laqgħa *onsite* mal-periti u l-kuntrattur tal-proġett sabiex titnaddaf u tingħalaq iż-żona. Ix-xogħol fuq dan il-proġett mistenni jibda f'Settembru.

**18.3.5 Update Proġett GBD:**

- Is-Sindku qal li x-xogħol mixi skont il-pjan ta' ħidma. L-*outdoor furniture* ser ikun kollu f'postu sat-tieni ġimgħa ta' Settembru. Fil-ġimgħat li ġejjien ser titħabbar id-data uffiċċjali tal-ftuħ tal-proġett.

## 18.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**18.4.1** Il-kunsillier R Borg staqsa jekk il-KL irċieva risposta minn TM rigward Triq San Karlo.

- Is-Seg. Eżek. qal li l-KL irċieva risposta u spjega li t-TM m'humiex ser ibiddlu n-naħa tal-parking.

**18.4.2** Il-kunsillier R Borg staqsa meta ser jinżabbru s-siġar fiż-żona tas-sajjieda.

- Il-VS spjega li s-siġar fin-naħa ta' fuq il-promenade saru skont il-permess li inħareġ mill-ERA u kompla jgħid li fil-jim li ġejjien ser jinżabbru s-siġar taż-żona tas-sajjieda ukoll.

**18.4.3** Il-Kunsilliera J Higgans, staqsiet qalet li hemm bżonn isiru tabelli fiż-żona tal-magni tal-BCRS fejn hemm it-taraġ faċċata tal-kunvent tal-karmelitani, biex in-nies ma jagħmlux il-bżonnijiet tagħhom hemmhekk.

- Is-Sindku qal li idealment ikun hemm iktar rondi mill-pulizija komunitarja, pero' bħal ma jaf kulħadd, hemm problema ta' infurzar frott in-nuqqas ta' riżorsi umani fi ħdan il-korp tal-pulizija u entitajiet oħra ta' l-infurzar tal-pajjiż

Il-kunsillier Z Zammit ħareġ mill-laqgħa fis-6:55pm u daħal fis-7pm

**18.4.4** Il-kunsillier saqsa jekk il-KL jista' jinstalla numru ta' tabelli fuq il-bajjiet sabiex jispjega li f'ċertu żoni ma jistgħux isiru BBQs.

**18.4.5** Il-kunsillier J Dougall saqsa rigward il-progress tal-proġett ta' Triq Bisazza.

- Is-Sindku spjega li twaħħlu aktar bankijiet u qed jibda l-ippjanar għal ftuħ uffiċċjali ta' dan il-proġett

## 18.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;

**18.5.1 Sotto Kumitat tal-Kunsillier R Borg:**

- Il-kunsillier R Borg spjega li qed jistenna draft tal-bye laws mill-avukati tal-kunsill u wara ser jippreżenta dan id-draft lill-KL.

**18.5.2 Sotto Kumitat tal-Kunsillier K Wain:**

- Il-kunsillier K Wain tah dettalji tal-attivita' li ser tittella' għad-unur il-mibki artist Malti, Mark Mallia, fl-anniversarju ta' sena mill-mewt tiegħu.

## 18.6 APPROVAZZJONI *MANAGEMENT LETTER U MANAGEMENT LETTER REPLY – AUDIT 2024*

**18.6.1** Tressaq għall-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti *l-management letter* u *management letter* reply ta' l-*audit* 2024.

Il-kunsillier K Wain ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-kunsillier Z Zammit is-sekondat.

## 18.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

**18.7.1** Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-kunsillier J Aqulina ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-kunsillier R Borg is-sekondat.

## 18.8 MOZZJONIJIET

**18.8.1** Ma kien hemm l-ebda talba biex tiġi imressqa mozzjoni.

## 18.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**18.9.1** Is-seduta ntemmet fid-7:30pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Ħamis 7 t'Awwissu 2025 fis-7pm.

Minuti approvati llum: **12 t'Awwissu 2025**

| | |
|---|---|
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |